KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Boys' Secondary, Kirkop

Mark

HALF-YEARLY EXAMINATION – 2012/13

Track 2 (AS)

FORM 3 **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

Taqsima	A	B	Ċ	D	E	F	Ġ	G	Marka Globali
Max. Mark	20	10	15	10	12	8	5	20	100
Marka									

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

Isem: ____ **Klassi:** ____________

Istruzzjonijiet: **Aqra sew kull mistoqsija qabel ma twieġeb. Ikteb pulit u li jingħaraf. Tħażżisx fuq il-karta. Itlob karta żejda jekk din ma sservikx għal-komponiment.**

TAQSIMA A (20 marka)

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor

1. Liema hu l-ewwel kmandament?

____ (2 marki)

2. Semmi żewġ allat foloz ta' żmienna li l-bniedem ipoġġihom flok Alla:

__________________________________ (marka)

__________________________________ (marka)

3. Semmi raġuni waħda għaliex Alla għandu jiġi l-ewwel f'ħajjitna.

____

(3 marki)

4. X'inhu s-sataniżmu?

____

____

(2 marki)

5. Semmi manifestazzjoni oħra tal-okkult apparti s-sataniżmu.

____

(2 marki)

6. Għaliex id-dagħa huwa gravi?

____

(2 marki)

7. Xi jkun qed jagħmel dak li jieħu ġurament ***FALZ***?

____

(2 marki)

8. Semmi post fejn jista' jittieħed ġurament.

____

(marka)

9. Ir-rabta li għandu jkollna ma' Alla għandha tkun tixbah lir-rabta li l-ulied għandu jkollhom mal-ġenituri tagħhom. Semmi eżempji wieħed ta' kif għandha tkun ir-rabta tal-ulied mal-ġenituri.

____

____

(2 marki)

10. Kif nistgħu nżommu kuntatt ma'Alla?

____

____

(2 marki)

<u>TAQSIMA B</u> **(10 marki)**

Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi bil-kliem li ssib fil-kaxxi t'hawn taħt.

Proxxmu	ulied	ġustizzja	Ix-xitan	Ġesù
Idoli	maħfra	sabiħa	kuxjenza	drittijiet

1. It-tentazzjoni dejjem tippreżenta lilha nnifisha bħala xi ħaġa ________________.
2. Il- _________________ nistgħu nsejjħula l-leħen ta' Alla f'qalbna.
3. ________________ huwa l-aktar wieħed li jixtieqilna d-deni u lest li jagħmel minn kollox biex iħajjarna nagħmlu dak li hu ħażin.
4. Alla jgħidli li għandi nħobbu b'qalbi kollha u li għandi nħobb lil- _________________ daqs kemm inħobb lili nnifsi.
5. Għandna nħobbu lil xulxin għaliex ilkoll għandna l-istess ________________ u għaliex aħna lkoll ________________ Alla.
6. Għandna nġibu ruħna ma' ħaddieħor bħallikieku fihom naraw lil ________________.
7. In-nisrani ma jistax jimxi bil- _________________ iżda jrid jimxi bl-imħabba.
8. F'waħda mit-talbiet tiegħu, San Franġisk jitlob lil Alla biex fejn ikun hemm il-ħtija, Alla jħallina nferrxu l- ________________ .
9. Fl-ewwel kmandament, Alla qed jgħidilna biex ma nagħmlux ______________ .

TAQSIMA Ċ **(15-il marka)**

Hawnhekk għandek ħames siltiet mill-Bibbja li studjajt matul din is-sena. Għażel TLIETA minnhom u spjega xi jfissru.

Silta 1: **"Henjin għajnejkom għax qiegħdin jaraw; henjin widnejkom għax qiegħdin jisimgħu."**

F'din is-silta Ġesù ried jgħid li:

____

____

Silta 2: **"Itlaq minn quddiemi ja xitan! Int tfixkil għalija, għax ma intix tqil il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int!"**

F'din is-silta Ġesù ried jgħid li:

____

____

Silta 3: **"Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex lil min jibla'. Iqfulu sħaħ fil-fidi."**

F'din is-silta San Pietru ried jgħid li:

____

____

Silta 4: **"Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih."**

F'din is-silta San Pietru ried jgħid li:

____

____

Silta 5: **"Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha."**

F'din is-silta Ġesù ried jgħid li:

____

____

<u>TAQSIMA D</u> (10 marki)

Aqra sew dan li ġej u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

Grupp ta' tfajliet u ġuvintur kienu qiegħdin waqt laqgħa mal-kappillan tal-parroċċa. F'din il-laqgħa xtaq ikellimhom fuq kif għandhom jgħixu ta' Nsara fid-dinja tal-llum. Uriehom *videoclip* taż-żjara tal-Papa f'Madrid fl-2011għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ.

F'waħda mil-laqgħat li l-Papa kellu, wieħed żagħżugħ li qiegħed jipprepara biex isir saċerdot, qal lill-Papa li hu dejjem jixtieq li jħobb 'l Alla b'qalbu kollu, imma jsib tfixkil biex ikun xhieda ta' Kristu f'dinja li ma tagħtix importanza lil Alla. Qallu biex jitlob għaż-żgħażagħ ħalli jibqgħu jħobbu lil Kristu, u jirnexxilhom jegħlbu t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu.

Il-Papa għamlilhom ħafna kuraġġ liż-żgħażagħ biex ma jaqtgħux qalbhom għaliex illum ukoll, avolja huwa diffiċli, xorta huwa possibbli li jgħixu skont ma għallem u għamel Kristu fil-Vanġelu. Il-kappillan kompla diskussjoni sħiħa maż-żgħażagħ fuq dan is-suġġett.

1. Wieġeb billi taqta' sinjal taħt it-tajba:
   Għaliex taħseb li hu importanti li żgħażagħ bħalek jitgħallmu fuq Alla?
a. Biex ikollhom xogħol b'paga tajba.
b. Biex jimxu fit-triq it-tajba.
ċ. Biex jgħaddu mill-eżamijiet. (*marka)*

2. Semmi **tnejn mit-tentazzjonijiet** li Ġesù kellu fid-deżert.
a. ____________________
b. ____________________
(2 marki kull waħda)

3. It-tentazzjonijiet jistgħu jiġu minn tliet ibnadi. Għid minn fejn.
a. ____________________
b. ____________________
ċ. ____________________
(marka kull waħda)

4. Kif tippreżenta lilha nnifisha t-tentazzjoni?
____________________ *(2 marki)*

<u>TAQSIMA E</u> **(12-il marka)**

Ħares sew lejn dawn iż-żewġ stampi u ikteb <u>3 sentenzi</u> fuq <u>kull stampa</u>. Is-sentenzi jridu juru li fhimt dwar xhix titkellem l-istampa.

<u>Stampa A</u>

1. ____________________
____
____

2. ____________________
____
____

3. ____________________
____
____

Stampa B



1. ______________________________
____
____

2. ______________________________
____
____

3. ______________________________
____
____

TAQSIMA F **(8 marki)**

Qabbel kolonna A ma' kolonna B

	Kolonna A		**Kolonna B**
1	Meta Ġesù għereq l-għaraq tad-demm		tgħina nagħfru bejn it-tajjeb u l-ħażin.
2	Fl-istorja tat-trasfigurazzjoni, Mose'		irridu nagħmlu eżami tal-kuxjenza.
3	Il-kuxjenza		kien qed jirrappreżenta l-Liġi.
4	Fl-Antik Testment naraw li s-sħaba		huwa billi taħrab l-okkażjoni.
5	Wara li nkunu nafu x'jgħid Ġesù,		kien qiegħed fil-Ġnien taż-Żebbuġ.
6	L-ispirtu s-Santu jgħina nagħmlu		li jkun ġej mil-qalb.
7	L-aħjar mod kif ma taqax fit-tentazzjoni		dak li għalina hu impossibli.
8	L-aħjar talb huwa dak		kienet tfisser li hemm il-preżenza ta'Alla.

<u>TAQSIMA Ġ</u> **(5 marki)**

Għid jekk hux VERA jew FALZ:

1. Aħna nistgħu nerbħu kull tentazzjoni li jagħmlilna x-xitan. ________
2. Pietru ma beżax meta dehru Mose' u Elija ħdejn Ġesù. ________
3. Dak li ma tridx li ħaddieħor jagħmel lilek, għamlu int lil ħaddieħor. ________
4. Madre Tereża kienet tgħin lil-foqra għax kienet imħallsa ta' xogħolha. ________
5. L-aktar li ħabbna Ġesù kien meta twieled għalina ġo għar. ________

<u>TAQSIMA G</u> **(20 marka)**

Agħżel **<u>TNEJN</u>** minn dawn li ġejjin u wieġeb f'madwar **<u>50 kelma fuq kull waħda.</u>** Il-mistoqsijiet għandhom jgħinuk

A. "Il-baħri fil-maltemp tagħrfu"

- Għal xhix qed tirreferi din il-frażi?
- X'inhu dan il-maltemp li niltaqgħu miegħu?
- Minn fejn jiġi dan il-maltemp?
- Kif nistgħu nerbħuħ?

B. San Franġisk t'Assisi

- Għid min kien u x'taf dwaru.
- Kif għen lil-proxxmu?
- Taf tgħid xi ħaġa dwar it-Talba tal-Paċi?

Ċ. San Martin

- Għid min kien u x'taf dwaru.
- Kif għen lil-proxxmu?
- Int kif tista' timxi fuq l-eżempju tiegħu?

D. Ġesù kien bniedem tassew ĦIELES

- Ix-xitan ġarrbu lil Ġesù matul ħajtu? Meta? Kif?
- Kif irreaġixxa Ġesù quddiem dawn it-tentazzjonijiet?
- Kif nistgħu nixbhu lil Ġesù?

Titlu li għażilt: ____

Titlu li għażilt: ____